**MINUTI**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**
**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU ERBGĦA**

**22 ta' Settembru, 2014**

Il-Membri kif tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membri Joseph D'Amato u Marylyn Sammut.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

**4.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

4.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia staqsa jekk il-Kumitat Amministrattiv irċeviex xi risposta fuq ogħti ta' wiċċ ġdid fi Triq Fra Gan Marie, u jekk il-Green Pak tagħatx rapport ta' x'sabu meta ġew iż-Żurrieq jinfurmaw lir-residenti fuq il-ġbir ta' skart. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv. Kien hemm qbil li terġa tintbagħat *reminder* tal-każijiet.

4.1.2 Fir-rigward tal-ilment li għandu l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fejn qed joqgħod l-ilma fi Triq Dun Gejt Muscat, iċ-Chairperson qal li tkellem mal-Kuntrattur li għamel it-triq, flimkien mal-perit tiegħu u dan tal-aħħar għandu jagħti stima tax-xogħol meħtieġ. L-istima titressaq f'seduta oħra.

4.1.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li jeħtieġ li jingħataw l-ismijiet lit-toroq (side roads) fi Triq Santa Marija. Dawn għandhom jissemmew għall-benefatturi tal-kappella ta' Santa Marija li huma Carmelo Schembri (1919-1990) u Antonia Schembri (1920 – 1992).

4.1.4 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-applikazzjoni għall-fondi mill-EU fir-rigward ta' exchange taż-żgħażagħ, ġiet milqugħa. Aktar tard tingħata aktar informazzjoni.

4.1.5 Ġew approvati l-minuti tat-tiielet seduta ta' din il-leġislatura.

## 4.2 Ilmenti

4.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġiebed l-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra fuq ilment li l-Kumitat irċieva minħabba nuqqas ta' traffic management fl-akwata ta' Triq il-Qiegħa. Kien hemm qbil li l-Kumitat jieħu parir professjonali minn Transport Malta fuq dak propost.

## 4.3 Sinjali tat-toroq fi Vjal l-Indipendenza

4.3.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qara email li l-Kumitat irċieva mingħand resident fi Vjal l-Indipendenza, fejn ilmenta bin-nuqqas ta' konsistenza fejn jidħlu parkeġġi u sinjali sofor fi Vjal l-Indipendenza. Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv jitlob linji gwida minn Transport Malta fuq dan ir-rigward. Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni li l-linji li saru kienu saru mill-Kunsill u sar mill-ħaddiema tal-Koptasin u mhux minn ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

## 4.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi

4.4.1 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li l-ħaxix fi Triq Kalang Bugeja reġa tela'.

4.4.2 Il-membru Joseph D'Amato staqsa fuq yellow lines li saru fi Triq Fortunato Dalli. Iċ-Chairperson informa li tali linji saru fil-leġislatura preċedenti fuq qbil mill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv.

## 4.5 Appuntament għas-Seduta li jmiss

Id-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru, 2014 fil-5.30pm.

Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-6.35 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ ta' Ottubru, 2014

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**